MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Numru 229/2004

IL-PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
GODWIN VINCENT ZAMMIT LAFERLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Godwin Vincent Zammit Laferla, ta' 57 sena, bin il-mejjet Philip u l-mejta Mary imwielda Laferla, imwieled Santa Venera fit-13 ta' Mejju 1946, residenti Santa Rita, Wignacourt Street, Birkirkara, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 432446(M).

U akkuzat talli f'Ottubru 2003 u fix-xuhur precedenti, gewwa l-lokalita' ta' Attard jew/u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi

zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1). Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' Grace Carmen Camilleri bi ksur ta' l-Arikolu 202 (a) u 207 rispettivament tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). Bhala principal u/jew delegate legittimu tat-Tabib Principal ital-Gvern ta fastidju lill-istess impjegata Grace Carmen Camilleri billi ssoggettaha ghall-att u kondotta mhux mixtieqa, bi kliem bil-fomm u gesti li huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji bi ksur ta' l-Artikolu 29 (1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

3). Bhala principal u/jew delegate legittimu tat-Tabib Principali tal-Gvern, ta fastidju sesswalment lill-impjegata Grace Carmen Camilleri billi ssoggettaha ghall-att ta' intimita' fizika u ssoggettaha ghal xi atti u/jew kondotta b'konnotazzjonijiet sesswali, li jinkludu kliem bil-fomm u gesti, liema att, talba jew kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensive, umiljanti u intimidatorji bi ksur ta' l-Artikolu 29 (2 a,b) u 29 c (sub inciz 1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikolu elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikolu din il-Qorti tista' ssib htija lill-imputat.

Rat il-Verbal tat-13 ta' Frar 2006 (a fol.144) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Il-Qorti rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni (fol.159)

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza giet inizzjata fuq rapport minn certu Grace Carmen Camilleri fuq l-imputat:

***“Mr. Godwin Zammit li kont narah jattakkani sesswalment, il-hin kollu, jheddini u jattakkani sesswalment.”*** (ara xhieda a fol.10)

Grace Carmen Camilleri xhedet li hi kienet bdiet tahdem f’Mount. Carmel ma’ l-imputat (li jokkupa l-kariga ta’ Kap ta’ l-‘Account Section ta’ l-isptar Mount. Carmel) f’Jannar tat-2003. Camilleri xhedet illi hija kienet taf lill-imputat minn meta kienu ghadhom zghar ghax kienu gara. Camilleri xhedet illi ghal bidu ma kelliex problemi ma’ l-imputat, izda:

***“Imbaghad bdew jghaddu xi gimghat, ghax kelli zewg nisa ohra jahdmu mieghi fl-istess ufficju u hu, beda jghaddi kummenti fuq l-indumenti taghhom.”*** (ara fol.9)

Camilleri xhedet li kien jghaddi kummenti fuq il-hwejjeg ta’ taht ta’ dawn in-nisa, fuq sidirhom u kif beda jghaddi z-zmien, dawn il-kummenti bdew jigguffaw ghall kummenti bhal:

***“Inqattalha l-warrani lil dik; inqattalha sidirha, u kien jidher kuntent hu u jiena bdejt nghid “Imma dan biex gej?” Bdejt nahseb li jiena fil-bidu ghax ma tkunx cert.”*** (fol.11)

Fuq mistoqsija tal-Qorti, Carmen Camilleri xhedet illi:

***“Bdejt niddubita lili nnifsi fil-bidu ghax wara li beda jghaddi z-zmien kont cert.”*** (Ibid fol.11)

Camilleri xhedet illi l-imputat beda jsegwilha l-passi u bdew jidhlu certi kunfidenzi:

***“Daqqa jnehhili xaghra minn fuq sidri…jghidli “Int l-isbah wahda go din il-***

***kamra…Naghmlek regina jekk inti tisma' milli nghidlek jien…Jekk ma tismax milli nghidlek jiena ntajjrek minn go l-isptar.""*** (Ibid fol.11)

Grace Carmen Camilleri kkonfermat illi hija pazjenta ta' Mount. Carmel u kienet tahdem taht skema ta' pazjent haddiem f'Mount. Carmel. Grace Camilleri xhedet illi l-imputat beda jivvinta u johloq okkazzjonijiet sabiex hu jkun ma' GraceCamilleri wahdu, fi perijodu ta' 'break,' tant li l-haddiema l-ohra:

***"Kienu qed jahsbu hazin mid-dehra, ma kienux jafdawh."***

Grace Camilleri xhedet illi l-imputat:

***"Beda jipprova jmesmes daqqa sidri u jghidli, "Jekk titkellem minn hawn ittir," u jien kont mhedda, bzajt, kelli bzonn il-flus, gejt dahri mal-hajt, ghandi tlett itfal, dawn l-affarijiet ma riedthomx u kont immur id-dar nibki mdejqa kuljum, ma nafx x'ser naqbad naghmel jien, kelli problema kbira."*** (ara xhieda fol.12)

Grace Camilleri xhedet kif bdiet tipprova tiskarta lill-imputat waqt li hu beda jorndalha biex toqghod fl-ufficju mieghu fil-'break':

***"Biex hu dejjem jattakka u jzid fl-avvanzi tieghu."***

Grace Camilleri xhedet illi darba minnhom kienet fethet qalbha ma' mpjegat u sar jaf b'dan l-imputat:

***"L-ghada dhalt ghax-xoghol, ried jikollni bl-ghajjat li beda jghajjat mieghi: "Ara ma titkellimx ghax minhawn ittir zgur. Ma toqghodx hawn gew.""***

Grace Camilleri xhedet illi l-imputat kien beda jhajjarha tidhol xoghol is-Sibt ghaliex l-impjegati l-ohrajn ma kienux jidhlu xoghol. Grace Camilleri xhedet illi l-imputat kien juza

hafna diskors baxx u vulgari kif jidher mill-ahhar paragrafi tax-xhieda a fol.12 kif ukoll a fol.13. Grace Camilleri xhedet illi ma setatx tissaportieh iktar u rrapurtatu lis-social worker Louise Scerri.

Grace Camilleri xhedet illi darba minnhom kien hallielha notament taht il-kompjuter li kienet tuza hi. Dan gie ezebit bhala Dok.GC illli jghid is-segwenti:

***"Dear***
***always switch "OFF" the supply from***
***the Red switch on the 4-way socket.***
***When you switch off from the radio itself,***
***the transformer inside the radio becomes hot (like me!!) and can burn out. After you switch off the computer, switch 'off' the supply from the Red switch.***

***Godwin"***

Dan in-notament gie mholli lilha ghal habta ta' Settembru.

Grace Camilleri xhedet illi xtrat 'recorder' zghir sabiex tirrekordja lill-imputat. Izda dan ma hadimx il-ghaliex kien hemm xi 'interference'. Camilleri xhedet illi wara illi regghet kellmet lil Louise Scerri, kien cempel Edward Borg, ic-CEO ta' Mount Carmel, u beda jitkellem ma' Scerri. F'dan il-hin, l-imputat talab lil Grace Camilleri jmorru go 'board-room':

***"U naf li sakkar il-bieb minn gewwa."***

Grace Camilleri xhedet illi hi nbelat, bdiet titrieghed u kellha d-dmugh f'ghajnejha u l-imputat beda jistaqsiha r-raguni il-ghaliex hija riedet titlaq mill-posizzjoni taghha fl-ufficju tieghu.

***"Wara ftit, jigifieri kemm lahaq qalli dawn il-kliem, "Nisma' l-bieb jipprova xi hadd ihabbat***

***u jipprova xi hadd jidhol u dan il-bniedem sabu msakkar ghax il-bieb kien imsakkar.””***

Grace Camilleri xhedet illi l-imputat fetah il-bieb u dahal lil Edward Borg, CEO, u talab lil Grace ssegwieh.

Grace Camilleri xhedet illi fil-‘board-room’, l-imputat ma ghamel l-ebda avanzi sesswali fuq il-konfront taghha.

Edward Borg zamm laqa’ ma’ Grace Camilleri fejn din qaltlu l-istorja taghha u minn hemmhekk Grace Camilleri ma baqetx tahdem fl-istess ufficju ma’ l-imputat. Wara xi ftit jumejn, Camilleri xhedet illi semghat diskors illi l-imputat kien qed jghid fuqha u cioe li hija mahmuga u ghaldaqstant marret ghand is-CEO, Edward Borg u ghamlet rapport ma’ l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birkirkara.

Grace Camilleri xhedet illi kienet baghtet ghaliha l-‘Community Manager’ May Caruana u wara parir minghand Dr. Vella Baldacchino, hi bdiet tahdem xoghol suggerit lilha. Dan ix-xoghol, pero’, kien bit-tnaqqis fil-paga taghha u Camilleri xhedet illi hija hassitha mkecciha indirettament. (a fol.17) Camilleri xhedet illi l-imputat kien imissilha sidirha u darba minnhom kien missilha l-parti genitali taghha kif spjegat a fol.17 u 18. Dan l-abbuz sesswali kien beda b’mod legger f’Marzu, izda zdied f’Awissu, f’Settembru u Ottubru.

Grace Camilleri kkonfermat l-identita’ ta’ l-imputat Godwin Zammit Laferla.

In kontro ezami, Grace Camilleri xhedet illi ghall-ewwel kienet tahdem ma’ Anthony Dalli fil-‘Provision Stores’ ta’ Mount. Carmel.

Mistoqsija jekk fil-fatt twarbitx minn dan l-impjieg il-ghaliex kienet tisraq mill-istores, Grace Camilleri nnegat. Mistoqsija kemm-il darba kienet titnaqsilha l-paga taghha bil-valur ta’ l-oggetti li hija kienet serqet mill-istores, Camilleri xhedet:

***"It was very unfair on me ghax jiena x-xoghol kont naghmlu d-dar."***

Aktar tard pero' kkonfermat it-tnaqqis tal-paga taghha a kawza ta' serq mill-istores. Mistoqsija dwar Joe Calleja, Health Assistant, u dwar allegazzjonijiet illi hija kienet ghamlet fil-konfront tieghu, Camilleri xehdet illi Joe Calleja kien biss qalilha l-kliem, 'I like you' u xejn aktar. Mistoqsija kemm-il darba allegatx fil-konfront ta' Calleja jekkipprovax ibusha, Camilleri nnegat kif innegat illi din kienet raguni ohra il-ghaliex ma baqatx tahdem fl-istores.

Grace Camilleri (a fol.22) ikonfermat illi ma ghamlitx allegazzjonijiet simili fuq nies ohra. Camilleri xhedet illi kellha diffikultajiet ma' wahda mit-tfajliet li kienet tahdem maghha fl-ufficju ta' **Godwin Zammit Laferla il-ghaliex l-imputat kien jipprova jgellidhom. Grace Camilleri cahdet li l-imputat kien jghidilha sabiex tigi x-xoghol liebsa b'mod xieraq. Aktar tard, pero', ikkonfermat illi darba minnhom kienet liebsa dublett trasparenti u li sahansitra s-CEO kien widdibha fuqu.**

Grace Camilleri kkonfermat illi hija kienet tahdem tlett darbiet fil-gimgha ghal saghtejn waqt li l-haddiema l-ohra kienu 'full-time'. Camilleri kkonfermat illi hija kienet pazjenta f'Mount. Carmel, li kienet ikkurata mill-psikjatra Dr. Vella Baldacchino u li kienet ilha 'outpatients' ghal sitt (6) snin. Cahdet illi wahda mid-diffikultajiet taghha kienet illi temmen li haddiehor qed jaghmel affarijiet fil-konfront taghha u li kellha problemi f' 'interpersonal relationships.' Tichad illi l-avvanzi sesswali da parti ta' l-imputat kienu wkoll jigu prattikati fuq l-impjegati l-ohra, 'full-time' li kienu jahdmu mieghu. Grace Carmen Camilleri kkonfermat (a fol.26) illi hija kienet qed twahhal fl-imputat minhabba r-raguni il-ghaliex illum il-gurnata hija bla xoghol.

(A fol.30) PS 1043 Francis Pace, ikkonferma rapport registrat minn Grace Carmen Azzopardi u ezebixxa Dok.PS a fol.32 sa fol.34.

Il-kap ezekuttiv ta' l-isptar Mount. Carmel, Edward Borg, ikkonferma li l-imputat kien bhala kap tas-sezzjoni ta' l-'accounts' fl-istess sptar.

Edward Borg xhed (a fol.35 et seq.) illi l-imputat kellu jahdmu fl-istess ufficju, 'full-time', lil Mario Cuschieri u Antida Grima u li Grace Camilleri: *"Kienet tippartecipa f'sistema ta' 'rehabilitation' gewwa l-isptar."* Bhala impjegata 'part-time.'

Edward Borg ikkonferma li Grace Camilleri kienet tahdem fil-'Provision Stores.' Borg ikkonferma illi Camilleri tnehhiet minn din il-posizzjoni il-ghaliex kienet tiffirma izda titlaq mill-post tax-xoghol xi siegha u nofs qabel u ghalhekk kienet qed tisraq mill-flus tal-Gvern. Edward Borg xhed illi kien ikkonfrontaha b'dawn in-nuqqasijiet fil-prezenza tad-Direttur u spjega, b'mod vividu, r-reazzjoni ta' Grace Camilleri, l-biki u r-rikatt emozzjonali li ppruvat titfa' fuqu. Illi wara dan huwa kellem lil konsulent medikali taghha u li gie deciz illi ma jipprocedux bil-Pulizija u dana anke sabiex:

***"Ma mmexxijiex lejn il-vizzju bhal prostituzzjoni."***

Gie deciz illi Grace Camilleri tigi sospiza ghal jumejn u li Camilleri tibda' tahdem fis-sezzjoni ta' l-accounts ghal sieghat zghar u damet hekk tahdem ghal tlett (3) xhur.

Edward Borg ikkonferma illi Camilleri kienet ghamlet allegazzjonijiet fuq Health Assistant u li kien wissa lil dan il-Health Assistant bil-kliem:

***"Jista' jaghti l-kaz li din qed timmagina xi affarijiet."***

Fil-fatt kien anka wissa lill-imputat Godwin Zammit Laferla. Edward Borg ikkonferma illi social worker talbet sabiex tkellmu urgentament u li nfurmatu bl-allegazzjonijiet li kienet ghamlet Grace Camilleri.

Borg xhed illi huwa cempel immedjatament u baghat ghal Grace Camilleri u gie nfurmat illi din qeghdha fil-‘board room’ ma’ l-imputat. Illi huwa mmedjatament acceda ghal ‘board room’. Edward Borg spjega illi hemm diversi twieqi f’din il-‘board room’ illi jaghtu ghal kuritur u li min ikun ghaddej ikun jista’ jara x’inhu jigri. Ikkonferma li l-imputat kien fetahlu l-bieb u li Grace Camilleri kienet bil-qeghdha hdejn ir-ras tal-mejda u kien hemm siggu iehor imressaq hdejn ras tal-mejda. Edward Borg xhed illi Grace Camilleri kienet tidher ‘at ease’ u ghaldaqstant huwa serrah daqsxejn rasu. **Borg ikkonferma illi Camilleri dejjem kellha ‘strained relationships’ mal-haddiema kollha fuq il-post tax-xoghol.** Borg xhed illi meta huwa kien intervista lil Camilleri hija kienet **qaltlu li l-imputat kien nehhielha xaghara minn fuq sidirha.** Edward Borg stqarr illi l-imputata kienet qaltlu:

***“Li kien hemm tfajliet ohra li ghaddew mill-istess esperjenza li grali jien.”*** (ara fol.45)

Edward Borg ikkonferma illi huwa staqsa liz-zewg impjegati l-ohra fuq l-agir ta’ l-imputat fil-konfront taghhom u dawn cahdu **bl-aktar mod kategoriku**, l-ezistenza ta’ xi agir mhux xieraq da parti ta’ l-imputat.

Antida Grima (a fol.47) ikkonfermat illi hija tahdem fl-account section fl-isptar Mount.Carmel taht l-imputat, Godwin Zammit Laferla, li kien il-principal taghha fuq ix-xoghol. Mitlubha tghid l-atteggjament ta’ l-imputat fil-konfront ta’ l-impjegati, Antida Grima xhedet is-segwenti:

***“Tajjeb hafna, ragel mill-ahjar, jimxi b’mod serju, qatt ma rajt ebda ghajn hazina minnu u ma nistax ingerger minnu. Fejn ikollna problema jipprova jghinna u jifhimna u ma ghandix x’ingerger minnu.”*** (xhieda a fol.47).

Mitlubha tghid x’taf fuq l-allegazzjoni maghmula minn Grace Camilleri, Antida Grima xhedet illi kienet taf li Camilleri:

***"Qed tinsinwa affarijiet ta' barra minn hawn li s-sur Zammit qatt ma jghaddi minn mohhu li jaghmilhom, naf li kien ragel hanin hafna maghha."***

Antida Grima kkonfermat illi fil-prezenza taghha, l-imputat qatt ma ghamel xi ghagir hazin lejn Grace Camilleri. Grima tat deskrizzjoni tal-kamra tax-xoghol taghhom u **qalet illi kien hemm 'partition' wahda fejn wiehed jista' jaghmel ftit café u li ghal bqija kulhadd jista' jidhol u johrog minn din il-kamra bla ebda diffikulta'. Antida Grima kkonfermat li din il-kamra ma' tissakkarx.** Grima xhedet li l-'board room' biss tisakkar u li biex taccedi ghaliha trid iggib ic-cavetta. Ikkonfermat illi fil-hin ta' l-ikel, l-imputat jinzel ma' l-impjegati l-'canteen' sabiex jiekol. Grima xhedet illi Grace Camilleri kellha karattru insapportabbli, kienet nieqsa minn 'social skills', qatt ma kienet hadmet f'ambjent ta' ufficju u li kienet tagixxi bhallikieku Antida Grima ma tezistix. Grima kkonfermat ukoll illi kienet tahtafha u tkellimha hazin meta tghaddilha xi bicca xoghol u kienet taccetta xoghol biss minghand l-imputat Godwin Zammit Laferla. **Grima kkonfermat illi f'dan l-ufficju kienu jidhlu ammont sostanzjali ta' nies u t-telefonati dejjem ghaddejin. Grima kkonfermat illi qatt ma ddahhlu fjuri fl-ufficini izda li kien hemm fjuri tal-plastic biss. Grima kkonfermat ukoll illi l-bieb ta' l-ufficcju kien jinzamm miftuh b'gangetta u li Camilleri qatt ma kienet fl-ufficcju wahedha.** Antida Grima xhedet illi f'data vicin ta' l-incident, l-imputat kien gie nominat sabiex jservi bhala gurat u kellu 'panic' kbir minhabba dan u beda jitkellem fuq il-fwawar u l-attakk nervuz li kien qed jaqbdu minhabba dan. **Muriha Dok.GC, ix-xhud Grima kkonfermat illi din kienet cajta kif spjegatha f'a fol.54.**

Maria Cuschieri a fol.57 xhedet illi hija tahdem Mount. Carmel u li ilha tahdem ma' l-imputat dawn l-ahhar seba' (7) snin u xhedet illi l-imputat kien proprju fix-xoghol tieghu. Xhedet illi Grace Carmen Camilleri, ghal bidu li bdiet tahdem fis-sezzjoni ta' l-'accounts' kienet tikkowopera mbaghad hi kienet 'on leave' fix-xahar ta' Lulju u meta regghet dahlet ghax-xoghol kien hemm bidla radikali f'Camilleri fis-sens li ma bdietx tobdi l-istruzzjonijiet li kienet tatiha Maria Cuschieri. Cuschieri

xhedet illi ma kellix problemi personali ma’ Grace Camilleri izda din kellha dawn il-problemi ma’ Ms. Grima tant li Camilleri ddecidiet li tinjora l-ezistenza taghha. Cuschieri xhedet illi l-imputat, Godwin Zammit Laferla, kien bniedem ta’ temperament kalm.

Maria Cuschieri xhedet illi hija, Antida Grima u l-imputat **dejjem nizlu ghal-‘break’ ghall-ikel fil-‘canteen’**. Mitlubha tghid jekk kemm-il darba l-imputat qattx ghaddielha kummenti fuq l-indumenti taghha, (a fol.61) **Cuschieri tirriffjuta bl-aktar mod kategoriku**.

**Mitlubha tghid jekk kemm-il darba l-imputat indirizzaha bi kliem mhux xieraq jew bl-ingwagg suggestive, Maria Cuschieri mhux biss irriffjutat dan bl-aktar mod kategoriku izda ziedet illi meta kienu jigu l-irgiel l-ufficcju u juzaw certu l-ingwagg, l-imputat kien jaghmel apologija lilha ghan-nom taghhom.** (ara xhieda fol.62)

**Maria Cuschieri kkonfermat li l-imputat meta kien ikun inkwetat jew ippanikkjat kien isir ahmar u li meta kien gie msejjah sabiex iservi ta gurat, tant kien ippanikkja illi huma kienu ccajtaw mieghu u sahansitra gabulu l-‘fans.’**

Maria Cuschieri xhedet illi Grace Carmen Camilleri kienet taqbad u ma tigix fil-granet tax-xoghol l-aktar impenjattivi tant li huma kienu kellmu lill-imputat fuq dana kollu u li kellhom jiehdu ‘stand.’ Illi fil-fatt **kienet hi stess illi ssuggeriet lill-imputat** biex dan il-meeting ma’ Camilleri ssir fil-‘board room’ u hekk gara. (ara xhieda a fol.64 u 65).

**Cuschieri kkonfermat a fol.66 u 67 il-manuvri ta’ Camilleri sabiex tqieghed l-iskrivanija taghha ma’ l-iskrivanija ta’ Godwin Zammit Laferla u l-preokkupazzjoni ta’ l-imputat Zammit, meta dan gara u kif waqfilha.**

**Louise Scerri, (a fol.69) Social Worker ma’ Mount.Carmel, ikkonfermat illi Grace Carmen**

**Camilleri kienet ghamlet rapport lilha illi kienet vittma ta' 'sexual harassment' ta' l-imputat. Illi hija minnufih infurmat lil Management, cioe s-CEO, Edward Borg. Louise Scerri ma setghatx taghti aktar dettalji f'hiex kienet tikkonsisti l-allegazzjonijiet ta' 'sexual harassment.'**

Dr. Joseph Vella Baldacchino (a fol.76), il-psikjatra ta' Camilleri, kkonferma illi huwa kien li ssuggerilha taghlaq parti mir-rijabilitazzjoni taghha li hija li tahdem taht skema apposta f'Mount. Carmel bhala 'cleaner'. Dr. Vella Baldacchino xhedet illi wara xi zmien, Grace Camilleri, kienet infurmati fuq fastidju li kienet qed tiffaccja fuq ix-xoghol. Dr. Vella Baldacchino xhed ukoll dwar ir-riluttanza u l-antagonizmu ta' l-istaff ghal din is-sistema. Il-psikjatra xhed illi Grace Camilleri kienet qed tbati minn 'depression', kellha storja turbolenti fejn kienet thoss li ommha kienet qed teskludiha, kienet giet abbuzata fi tfulita u dejjem kienet qed thoss ruhha bhala vittma. Iz-zwieg taghha kien tfarrak u li Camilleri kellha problemi finanzjarji u sabet diffikulta' anka trabbi lil uliedha. **Dr. Vella Baldacchino ma setghax jinforma lil Qorti bil-kliem, specifici, allegati minn Camilleri izda fehem illi Camilleri allegat illi l-imputat ried xi forma ta' relazzjoni maghha u li f'gurnata spiccaw f'xi kamra bil-bieb maghluq.**

**Camilleri kienet infurmat lil Dr. Vella Baldacchino illi meta tkellmet ma' l-istaff, shabha, anka dawn kienu *"Ghaddew minn xi haga simili."* (ara xhieda a fol.80)**

Dr. Vella Baldacchino kien kellem lil Edward Borg, li kien diga' jaf bl-allegazzjonijiet ta' Grace Carmen Camilleri.

Fit-tieni xhieda tieghu (a fol.86), Dr. Vella Baldacchino kkonferma illi wara l-episodju li dwaru kien xehed precedentement huwa fil-fatt ma regghax sema' aktar minn Camilleri.

Spettur Dennis Theuma (a fol.91) pprezenta dokumenti ta' l-istqarrija ta' l-imputat Dok.DT (a fol.93) fejn l-imputat cahad l-allegazzjonijiet kollha maghmula minn Grace

Carmen Camilleri. Spettur Theuma xhed illi Grace Camilleri kienet qaltlu li dawn l-avanzi mill-imputat kienu bdew f'Jannar 2003.

WPS 24 Josephine Gauci (a fol.97) xhedet illi hija kienet kellmet lil Camilleri fil-prezenza ta' WPC 64 Connie Cauchi u li Grace Camilleri ***"Insistiet li trid tiehu passi kriminali kontra Laferla sabiex jitghallem il-lezzjoni u jekk ghamel xi affarijiet bhalma ghamel lilha jew ghad irid jaghmel lil xi nisa ohra, jitwaqqaf milli jaghmel hekk."***

Spettur Louise Calleja (a fol.99) ikkonfermat il-prezenza taghha maghtul l-istqarrija ta' l-imputat, Godwin Zammit Laferla. Ikkonfermat illi l-imputat cahad kull allegazzjoni maghmulha minn Grace Camilleri fil-konfront tieghu.

WPC 64 Connie Cauchi kkonfermat ir-rapport li kienet ghamlet Carmen Camilleri fil-konfront ta' l-imputat u li Camilleri **qaltilha li l-imputat kien jehodha fil-'kitchenette', joghllilha d-dublett u jmissilha l-parti privata taghha.**

May Caruana, (a fol.106) Manager Community Mental Health Services, ikkonfermat li Grace Camilleri kienet pazjenta ta' Mount.Carmel u kienet impjegatha taht l-iskema msejjha 'Supported Work Scheme,' u saret taf bl-allegazzjoni ta' l-abbuz da parti ta' l-imputat. May Caruana xhedet illi hi kienet prezenti meta Mr. Borg kien qieghed jitkellem ma' Grace Carmen Camilleri. **May Caruana xhedet illi fost l-allegazzjonijiet li ghamlet Grace Camilleri, kienet qaltilha li l-imputat kien sahansitra jcemplilha nhar ta' Sibt meta hi ma kinitx tkun xoghol. Caruana xhedet illi Camilleri qatt ma dahlet xoghol nhar ta' Sibt. May Caruana kkonfermat illi Grace Carmen Camilleri kellha 'clashes' ma' Antida Grima. May Caruana ikkonfermat (a fol.116) illi l-ufficju ta' l-imputat kien ambjent fejn kienu jahdmu diversi impjegati, b'nies dehlin u hergin u bit-telefonati dejjem ghaddejjin.**

Louise Scerri, fit-tieni xhieda taghha, tat rakkont tal-kontenut ta’ l-allegat ‘sexual harassment’ da parti ta’ l-imputat fil-konfront ta’ Camilleri fejn kien **jikkonsisti fi ‘verbal sexual harressment’ u l imbaghad l-imputat gieli messilha sidirha**, li Godwin Zammit Laferma kien **jibqa’ l-ufficju fil-‘break’** u li minn hemm kien **jistidienha sabiex iqattghu ‘weekends’ flimkien** ha jkollhom x’jaqsmu sesswalment. (a fol.125) Louise Scerri xhedet:

***“Anke darba minnhom messilha xagharha quddiem bintha teenager u darb’ohra qaltli li messilha l-private part b’theddidha li jekk tiftah halqha hija tigi mkecciha.”***

Louise Scerri xhedet illi kellmitha darbtejn u li darba minnhom sabitha tibki fil-kuritur. Louise Scerri spjegat illi hija rrapurtat kollox lis-CEO, Edward Borg. Louise Scerri xhedet (a fol.130) illi Camilleri qaltilha dan kollu fil-21 ta’ Gunju 2004. Louise Scerri regghet xhedet (a fol.135) u tat id-dati ta’ l-appuntamenti illi kellha ma’ Grace Camilleri (a fol.136) u li fil-21 ta’ Ottubru 2003 kellha ‘meeting’ mas-CEO.

Edward Borg, riprodott (a fol.140) ikkonferma illi f’Ottubru 2003 kienet kellmitu Louise Scerri dwar l-allegazzjonijiet li kienet ghamlet Grace Carmen Camilleri.

(a fol.151) L-Ispettur Louise Calleja kkonfermat il-kontenut ta’ dak li qal l-imputat kien rifless fl-istqarrija tieghu.

(a fol.152) **Maria Cuschieri, in kontro ezami, kkonfermat illi ebda ‘cabinet’ fl-ufficju ma’ kien jissakkar.**

Illi l-imputat xhed ( fol.163)u kkonferma illi bejn it-13$^{th}$ u s-16$^{th}$ October 2003 huwa kien imsejjah bahal gurat il-Qorti Kriminali u ezebixxa Dok.LZL1 sa Dok.LZL3 in sosten ta’ dan.

Ikkonsidrat:

Illi mix-hieda kollha prodotta f'dan il-kaz, din il-Qorti ma tistax tqis ix-xhieda ta' Grace Carmen Camilleri bhala wahda illi ghandha xi forma ta' kredibilita'. Dan qieghed jinghad mhux biss il-ghaliex jeziztu diversi inkonsistenzi fis-sustanza ta' l-allegazzjonijiet maghmulin minnha lil diversi nies (il-ghaliex dawn ivarjaw fil-kontenut taghhom ma' kull persuna illi Grace Carmen Camilleri kellmet - dawn il-konsistenzi huma 'highlighted in bold' f'din is-sentenza a skans ta' ripetizzjoni) izda minhabba ragunijiet ferm aktar gravi.

Grace Camilleri, kif setghat tistabbilixxi din il-Qorti, li kellha l-opportunita' tevalwaha fil-pedana tax-xhieda, hija persuna illi ma hijiex stabbli skond il-psikjatra taghha Dr. Vella Baldacchino, hija kienet tbati minn dipressjoni, kienet persuna illi giet abbuzata sesswalment fi tfulita u kellha relazzjoni turbolenti ma' ommha u zwieg imfarrak. Pero' din il-Qorti taghraf illi Camilleri hija persuna li taf timmanipula n-nies ta' madwarha sabiex, kif jghid ben tajjeb Dr. Vella Baldacchino, dejjem tohrog ta' vittma.

L-ambjent li fih kien jahdem l-imputat, kien ambjent ta' certu mpenn u rittmu b'tali mod li, apparti l-prezenza kontinwa ta' zewg impjegati 'full-time', f'ufficju li ma jissakkarx, kien ikun hemm prezenti dejjem pluralita' ta' persuni stante illi dan kien l-ufficju illi jmexxi l-'provisions store' ta' l-isptar.

Huwa difficli ghalhekk illi wiehed jimmagina li kien qed isir dan l-agir mhux xieraq da parti ta' l-imputat f'dawn ic-cirkostanzi.

Illi minkejja li Camilleri ddenunzjat illi l-imputat abbuza minnha sesswalment, **kif ghamel ma' nisa ohra li jahdmu mieghu**, ix-xhieda ta' Maria Cuschieri u Antida Grima tgiddeb lil Camilleri b'mod kategoriku. **Din id-**

**denunzja ta’ nisa ohra kolpiti saret lis-CEO Edward Borg u lil Dr. Vella Baldacchino.**

Illi, dawn iz-zewg imjegati, Maria Cuschieri u Antida Grima, jirribattu b’mod komplet u assolut, kull allegazzjoni maghmula minn Grace Camilleri fuq xi improprieta’ mill-imputat dirizzat lilhom jew lil haddiehor u x-xhieda ta’ Maria Cuschieri, mara serja u ta’ l-affari taghha, kienet mill-aktar impellenti u tat stampa tal-personalita’ ta’ l-imputat illi mieghu hadmet ghal ‘l fuq min seba’ (7) snin li hija diametrikament oppost ghal dak allegat minn Camilleri.

Illi x-xhieda turi illi l-impjegati ta’ l-imputat kienu konxji ta’ l-istorja u l-isfond psikjatriku ta’ Camilleri u li Edward Borg kien wissa’ lill-imputat sabiex Camilleri ma tkunx wahedha ma’ xi impjegat iehor fl-ufficju. In fatti, l-imputat dejjem akkompanja lil Maria Cuschieri u lil Antida Grima fil-hin tal-‘break’ fil-‘canteen.’ Ghal rigward ta’ l-allegat xoghol f’kull nhar ta’ Sibt, May Caruana kkonfermat illi Camilleri **qatt** ma dahlet tahdem is-Sibt.

Illi, barra minnhekk, it-‘track record’ ta’ Camilleri bhala mpjegata f’Mount.Carmel kien wiehed xejn sabih: inqabdet tisraq fil-‘provision stores’, inqabdet tiskarta mis-sieghat tax-xoghol taghha, ghamlet allegazzjoni ta’ natura simili fuq il-Health Assistant Joe Calleja u kien ikollha ‘friction’ u ‘interpersonal problems’ ma’ bosta mpjegati ta’ l-istess sptar.

Illi ghal rigward ta’ Dok.GC, din il-Qorti tifhem illi Grace Camilleri uzat dan id-dokument sabiex terga’ tpingi lilha nnifisha ta’ vittma fl-isfond ta’ sitwazzjoni fejn Maria Cuschieri, Antida Grima u l-imputat, Godwin Zammit Laferla, kienu waslu f’punt crucjali li ma setghux jissaportuha iktar tahdem maghhom. Illi hija hadet l-okkazjoni u mmanipulat cajta da parti taz-zewg impjegati l-ohra ta’ l-imputat sabiex tikkreja ombra fuq l-imputat.

Illi ma jistax jigi injorat fattur iehor importanti: wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi Grace Camilleri hija mara ta' statura twila u ppersonata, ghandha personalita' pjuttost imponenti, waqt li l-imputat huwa persuna ta' statura zghira hafna u misthi ghall-ahhar, tant li jekk thares lejh, wiccu jihmar.

**Illi l-imputat ma ghandux ir-rekwiziti necessarji biex ikun 'predator'.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u ghalhekk tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------